

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden (il-Pajjiżi l-Baxxi) fis-  
27 ta' Settembru 2017 – Staatssecretaris van Financiën vs L. W. Geelen**

**(Kawża C-568/17)**

(2017/C 424/33)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

**Qorti tar-rinviju**

Hoge Raad der Nederlanden

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Staatssecretaris van Financiën

Konvenut: L. W. Geelen

**Domandi preliminari**

- 1 a) L-ewwel inċiż tal-Artikolu 9(2)(ċ) tas-Sitt Direttiva <sup>(1)</sup> flimkien mal-Artikolu 52(a) tad-Direttiva tal-VAT tal-2006 <sup>(2)</sup> (verżjoni applikabbli sal-1 ta' Jannar 2010) għandhom jiġu interpretati fis-sens li taħt dawn id-dispożizzjonijiet jaqa' wkoll it-tqegħid għad-dispożizzjoni bi ħlas ta' sessjonijiet webcam erotiċi interattivi diretti?
- b) Jekk il-parti (a) tal-ewwel domanda tingħata risposta affermattiva, il-frazzjiet "il-post fejn dawk is-servizzi jingħataw materjalment" u "il-post fejn is-servizzi huma fiżikament imwettqa" li jinsabu rispettivament fl-Artikolu 9(2)(ċ) tas-Sitt Direttiva u fil-parti introduttiva tal-Artikolu 52 tad-Direttiva tal-VAT tal-2006 għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-post determinanti huwa dak fejn il-mudelli jidhru quddiem il-webcam, jew fis-sens li l-post determinanti huwa dak fejn il-viżitaturi jħarsu lejn l-immaġni, jew għandu jiġi kkunsidrat post ieħor?
- 2) It-tnax-il inċiż tal-Artikolu 9(2)(e) tas-Sitt Direttiva u l-Artikolu 56(1)(k) tad-Direttiva tal-VAT tal-2006 (verżjoni applikabbli sal-1 ta' Jannar 2010), flimkien mal-Artikolu 11 tar-Regolament tal-VAT tal-2005, għandu jiġi interpretat fis-sens li t-tqegħid għad-dispożizzjoni bi ħlas ta' sessjonijiet webcam erotiċi interattivi diretti jista' jiġi kkunsidrat bħala "[s]ervizzi provduti elettronikament"?
- 3) Fil-każ li kemm il-parti (a) tal-ewwel domanda kif ukoll it-tieni domanda jingħataw risposta affermattiva u fil-każ li d-dispożizzjonijiet tad-direttivi rilevanti jwasslu għal riżultati differenti fir-rigward tal-postijiet fejn jiġu pprovduti s-servizzi, kif għandu, għalhekk, jiġi stabbilit il-post fejn jiġu pprovduti s-servizzi?

<sup>(1)</sup> Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23).

<sup>(2)</sup> Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006, L 347, p. 1).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Arbeits- und Sozialgericht Wien (l-Awstrija) fit-  
3 ta' Ottubru 2017 – BÜAK Bauarbeiter-, Urlaubs- u. Abfertigungskasse vs Gradbeništvo Korana d.o.**

**o.**

**(Kawża C-579/17)**

(2017/C 424/34)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Arbeits- und Sozialgericht Wien